**28 ta' Ġunju, 1963**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

Onorevoli Dottor Anton Buttigieg, M.L.A.

*versus*

Onorevoli Dottor Paul Borg Olivier, ne et.

**Ġudikat u eċċezzjonijiet ġodda**

*Meta sentenza tgħaddi f'ġudikat m'humiex aktar ammissibili eċċezzjonijiet li jiddistrugġuha. Ir-regola "tantum judicatum quantum discussum" ma jfissirx li jistgħu jiġu ammessi eċċezzjonijiet ġodda li mal-ġudikat huma inkonċiljabili.*

Il-Qorti, Rat is-sentenza preċedenti tagħha tat-22 ta' Frar, 1963 fejn jinsabu rijassunti t-talba ta' l-Onorevoli Dr. Anton Buttigieg u l-eċċezzjonijiet ta' l-Onorevoli Dr. Paul Borg Olivier u Professur Dottor Carmelo Coleiro nomine u li biha, wara li ġiet dikjarata nulla s-sentenza ta' l-ewwel onorabbli Qorti tas-17 ta' Lulju, 1963, l-atti ġew rimessi lil dik il-Qorti biex il-kawża tiġi deċiża mill-ġdid.

Rat is-sentenza ta' dik l-istess Qorti tal-11 ta' Marzu, 1963 li biha, l-ewwelnett l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-intimat nomine fis-sens illi l-proċeduri messhom saru b'ċitazzjoni u għalhekk ir-rikors li bih ġiet istitwita l-azzjoni hu rritu u null u huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju ġiet dikjarat mhix iżjed sollevabili u f'kull każ mhix sostenibili u għalhekk u għal kull fini ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra l-intimati nomine; u fil-meritu pprovdiet fuq it-talbiet tar-rikorrent billi (a) laqgħet l-istess talbiet u ddikjarat li ċ-ċirkolari tivvjola d-drittijiet tal-liberta ta' espressjoni u ta' koxjenza tar-rikorrent, pero iżjed gravament littieni wieħed, u hija wkoll illegali, f'dika l-parti fejn tipprojbixxi d-dħul tal-gazzetti kkundannati mill-Awtorita Ekklesjastika fil-postijiet hemm indikati; u (b) bħala miżura biex titneħħa l-istess vjolazzjoni ddikjarat l-istess projbizzjoni ta' ebda effett u għandha tiġi ritenuta qiesa qatt ma saret u ordnat li dina d-dikjarazzjoni tinġieb għal konjizzjoni tan-nies lil min kienet diretta ċ-ċirkolari preċedenti permezz ta' Ċirkolari ġdida, firmata minn xi wieħed mill-intimat, u dana żmien jumejn minn dak in-nhar — salv kull provvediment ieħor jekk jiġi sottomess b'rikors appositu u pruvat lill-Qorti li dana l-ordni ma jkunx ġie obdut u esegwit. L-ispej-

jeż jitħallsu mill-intimati nomine — wara li kkunsidrat.

Illi fit-trattazzjoni orali u fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, l-intimati ssottomettew illi in vista tar-rinviju tal-proċess lil dina l-Qorti, il-kontendenti reġgħu ġew imqegħdin fil-posizzjoni bħal ma kienu qabel il-prolazzjoni tas-sentenza tas-17 ta' Lulju, 1962, u allura jistgħu jagħtu dina l-eċċezzjoni kif setgħu jagħtuha dik in-nhar qabel l-istess prolazzjoni, u, dwar il-meritu semmew li l-kwistjoni tinsab attwalment quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in konnessjoni ma' kawża oħra bl-istess meritu tal-preżenti (i.e. proċedura taħt l-artikolu 16 tal-Kostituzzjoni) u kwindi hu opportun li wieħed jistenna li jkun hemm deċiżjoni minn dika l-Onorabbli Qorti qabel ma jgħaddi għas-sentenze fil-kawża preżenti;

Illi ċertament, taħt ċirkostanzi normali, dina l-Qorti kienet tistenna l-pronunzjament fuq imsemmi qabel ma tgħaddi biex taqta' l-eċċezzjoni in kwistjoni, pero ma jidhrilhiex taħt iċ-ċirkostanzi tal-kawża presenti li dan l-atteġġjament huwa opportun appuntu mħabba dawna ċ-ċirkostanzi li, sa fejn ġie sottomess lill-Qorti, jiddiferenzjaw dana l-każ mill-każ l-ieħor pendenti fit-tieni istanza billi f'daka l-każ l-eċċezzjoni ta' l-irritwalita tal-proċedura ġiet mogħtija mill-bidu u hekk ebda ħaġa ma laħqet saret oltre l-ewwel att promotorju tal-ġudizzju ħlief l-eċċezzjoni u deċiżjoni dwar daka l-att stess; fil-każ preżenti, għall-kuntrarju (a) l-intimati nomine ma kienu qajmu ebda eċċezjoni rigward dana l-att li beda l-ġudizju, (b) ma tul it-trattazzjoni saret menzjoni dwar il-proċedura wżata u l-intimati baqgħu ma semmew xejn fir-rigward u anzi komplew bit-trattazzjoni u għamlu bl-iżjed mod esawrienti s-sottomissjonijiet tagħhom daqs kieku l-ġudizju kien ġie mibdi bil-proċedura l-aktar sollenni (c) l-intimati ħallew is-sentenza tingħata u appellaw minnha

u ebda riferenza ma saret dwar l-irritwalita tal-proċedura wżata *mir-rikorrenti,* u *fil-fatt kellhom pronunzjament* favorevoli għalihom f'dik l-istanza, b'mod li huma bl-ebda mod ma kienu mfixkla fl-eċċezzjonijiet tagħhom jew ġew preġudikati in vista tal-istess proċedura wżata mir-rikorrent;

Illi fis-sottomissjoni ta' l-intimati llum il-posizzjoni rritornat għalli kienet wara l-fatti msemmija fl-ittri (a) u (b) tal-paragrafu preċedenti (apparti milli fir-risposta ulterjuri għamlu wkoll riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri), u, skond l-istess sottomissjoni huma għadhom fil-posizzjoni li jqajmu l-eċċezzjoni in disamine; il-Qorti pero ma tistax taċċetta dina s-sottomissjoni għax twassal għall-konsegwenza inaċċettabili li l-intimati setgħu jżommu din l-arma, li għaliha huma jidhru li jsostnu ma hemmx risposta, sakemm jidhrilhom u mbagħad, jekk jidhrilhom li jkun fl-interess tagħhom, jissiluraw irremedjabilment kull ma jkun sar sa dak in-nhar; u anzi l-Qorti tgħid li dan ma kienx jista' jsir qabel ingħatat s-sentenza preċedenti kien ikun differenti *l-każ* (salva l-kwistjoni fil-meritu tal-eċċezzjoni stess) kieku l-eċċezzjoni ngħatat mill-bidu u qabel kull sottomissjoni dwar il-meritu tar-rikors stess, billi allura ebda argoment ma kien jista' jinġieb kontra eċċezzjoni simili a bażi ta' l-artikolu 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Jiġi wkoll pero rilevat li (a) l-att li jinizzja l-proċeduri huwa ukoll att ġudizjarju, (b) kwantu għall-att konoxxut bħala "rikors", dak użat mir-*rikorrent, hu magħruf li dan hu l-forma tipika* biex jintalab provvediment lill-Qorti, (c) huwa użat wkoll biex jinizzja proċeduri quddiem dina l-Qorti, (d) fil-Kostituzzjoni jissemmew "apply . . . for redress" u "hear and determine any application" u dan hu t-terminu Ingliż għal dak Malti ta' "rikors" (Artikolu 16 (1) u (2)); oltre dan, (e) is-sub-artikolu 7 ta' dak l-artikolu 16 tal-Kostituzzjoni ssemmi wkoll "rules of Court" li jistgħu jinħarġu u sakemm dawn ma

joħorġux il-posizzjoni *proċedurali m'hiex determinata* u fissa għal kollox. Il-konsegwenza ta' dan kollu hi li, purke l-proċedura wżata tiggarantixxi s-smiegħ taż-żewġ partijiet u hekk tassikura li ssir ġustizzja sostanzjali, mhux opportun (u l-intimati għall-bidu ħasbuha hekk) li titqajjem kwistjoni proċedurali *speċjalment in vista* tad-dritt li tiegħu qegħda tiġi allegata li saret vjolazzjoni; (argoment f'dana s-sens hu derivabili mis-sentenza fil-kollez. Vol. XV. paġ 218 u 219); imbagħad mhux leċitu li dan isir fl-istadju inoltrat meta, wara li jkunu saru s-sottomissjonijiet kollha, il-kawża tkun tħalliet għas-sentenza; dan ikun negazzjoni ta' ġustizzja *sostanzjali dwar dritt fondamentali* mħabba raġuni proċedurali ispirata għal rigur formalistiku eċċessiv ormaj sorpassat, u l-Qorti m'gandhiex tippermetti dan speċjalment meta, bħal fil-każ, preżenti, dina l-kwistjoni tkun wkoll issemmiet u ebda eċċezzjoni fir-rigward ma ngħatat allura u *l-proċedura pprosegwiet;*

Illi, pero, fil-każ preżenti hemm iżjed minn dawna l-fatti u ċioe hemm wkoll dawk imsemmija taħt l-ittra (c) tal-paragrafu qabel il-preċedenti — l-għoti tas-sentenza, appell minnha u sentenza mill-appell b'rinviju ta' l-atti lil dina l-*Qorti*, wara l-*annullament* tas-sentenza biex tingħata s-sentenza mill-ġdid, naturalment fuq l-istess atti. Dawna huma fatti li ġraw u li għandhom importanza fuq il-proċedura jew svolġiment tal-kawża, inkluża s-sentenza stess li ġiet annullata u dana in vista tal-meritu jew sostanza li kienet *intiża* biex tiddisponi minnhom u fil-fatt iddisponiet għal-kemm f'forma dikjarata proċeduralment ħażina, dawna l-fatti jipprekludu lill-intimati jqajjmu l-eċċezzjoni preżenti f'dana l-istadju għar-raġuni li din tolqot u timmina l-proċedura kollha mill-bidu u hekk, dik li, null il-proċediment (f'każ ta' akkoljiment ta' l-eċċezzjoni), suppost li ma jkunux setgħu saru l-atti kollha li saru, kompriżi l-appell mis-

sentenza annullata u s-sentenza in sede ta' Appell u anki r-rinviju billi dawna kollha jippostulaw bħala bażi tagħhom proċeduri inizjati validament u almenu sentenza mogħtija validament ċioe fuq proċeduri validi, il-konsegwenza loġika ma tistax tkun, in vista tal-motivazzjoni fis-sentenza ta' l-appell, ħlief li dina l-Qorti għandha terġa tgħaddi biex tagħti is-sentenza tagħha bl-istess mod u fuq dak li kien lilha sottomess sa dak iż-żmien — salv id-dritt ta' l-intimati li jqajjmu *din l-eċċezzjoni fi stadju ulterjuri jekk ikun il-każ* u jekk dan jista' jsir, l-istess kif kienet il-posizzjoni tagħhom wara *s-sentenza preċedenti* ta' dina l-Qorti. Diversament infatti, imħabba l-eċċezzjoni ulterjuri u f'każ ta' akkoljiment tagħha ma jkunx hemm il-pronunzjament da parti ta' dina l-Qorti li hija, skond is-sentenza *li biha ġiet lilha rinvjat* il-proċess, għandha tagħmel bl-osservanza ta' dawka r-regoli ta' proċedura msemmija f'dika s-sentenza u qabel mhux segwiti; mhux leċitu li l-intimati japprofittaw ruħhom minn pronunzjament sussegwenti (sentenza ta' l-appell) għall-istadju li fih kienet waslet il-kawża fl-ewwel istanza u ċioe għoti tas-sentenza u mhux sempliċi differiment għas-sentenza (apparti u bla preġudizzju ta' dak li ntqal fir-rigward) biex *ma* jħallux dik is-sentenza tingħata fuq il-bażi ta' dak *li* sa dak *in-nhar kien ġie lilha* sottomess. Huwa f'dan is-sens għalhekk li għandha tiftiehem is-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell *li rrinvjat il-proċess* lil dina l-Qorti u dina l-interpretazzjoni loġika tagħha ssib ukoll bażi u raġuni fil-konsiderazzjoni li dik l-Onorabbli Qorti setgħet annullata s-sentenza preċedenti ta' dina *l-Qorti* tgħaddi għal biex tippronunzja ruħha fil-meritu fuq l-istess atti; ma jidhirx minn dik is-sentenza li l-proċedura wżata mir-rikorrent kienet ukoll raġuni għall-annullament tas-sentenza preċedenti billi dika l-Onorabbli Qorti segwiet u akkoljiet is-sottomissjonijiet tal-intimati stess f'dana r-rigward u dawna ma kienux semmew *l-irritwalita* ta' l-istess proċedura; bħal ma

kienu qalu xejn lanqas qabel rigward tagħha meta mes-sħom hekk igħidu, la darba kienet issemmiet, kif wieħed jista' jiddeduċi mir-riferenza għaliha fis-sentenza annullata; dina r-riferenza turi wkoll li l-istess kwistjoni kienet ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li annullat dik is-sentenza u li pero, kif intqal, ma semmiet xejn fuq dan l-inċident u anzi għaddiet biex tipprovdi fuq l-appell għab-bażi ta' l-istess atti.

Ikkunsidrat fuq l-istess domandi:

Illi bir-rikors tiegħu presentat fl-4 ta' Mejju, 1962, ir-rikorrent wara li espona (a) li l-intimati nomine kienu ħarġu ċ-ċirkolari (li kopja tagħha ġiet esibita mar-rikors) li biha fost ħwejjeġ oħra pprojbew id-dħul fl-Isptarijiet u fit-taqsimiet tad-dipartiment tagħhom tal-gazzetti li huma kkundannati mill-Awtorita Ekklesjastika, u (b) li dan l-ordni hu ntiż biex jipprojbixxi l-pazjenti u t-tobba fl-Isptarijiet kif ukoll l-impjegati kollha tad-Dipartiment tas-Saħħa milli jdaħħlu magħhom u jaqraw waqt li jkunu fl-istess postijiet il-ġurnali ta' l-opposizzjoni uffiċċjali fl-Assemblea Leġislativa, ċioe tal-Malta Laboury Party, fosthom, il-"Voice of Malta", li tagħha r-rikorrent stess hu l-editur barra milli hu memberu tal-istess opposizzjoni, liema gazzetta ġiet ikkundannata b'ċirkolari tal-Kurja Arċiveskovili tas-26 ta' Mejju, 1961, u (c) li dan l-ordni in kwantu jolqot il-"Voice of Malta" huwa ksur ta' l-Artikoli 13 u 14 tal-Malta (Constitution) Order in Council 1961, li jirrigwardaw il-liberta ta' kuxjenza u l-liberta ta' espressjoni huwa, bħala membru tal-Assemblea Leġislativa u bħala editur tal-"Voice of Malta", għal raġunijiet reliġjużi,jinsab impedut mill-konvenuti li jagħti idejiet u tagħrif mingħajr indħil lill-pazjenti ta' l-Isptarijiet, fost nies oħra, u dawn huma mpeduti li jirċevuhom mingħajr indħil — talab li dina l-Qorti skond id-disposizzjonijiet

tal-Artikolu 16 (1) u (2) tal-Order in Council riferit tagħti r-rimedju opportun billi tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ it-taħrikiet u tagħti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex twettaq jew tisgura t-twettieq tad-drittijiet tiegħu tal-liberta tal-kuxjenza u tal-liberta ta' espressjoni li ġew miksura biċ-ċirkolari msemmija;

Illi kontra dina t-talba l-intimati nomine eċċepew (a) illi ċ-ċirkolari m'għandhiex forza ta' liġi, (b) illi hi ma hiex intiża għall-pazjenti, u (c) illi hi m'hiex ħlief direttiva rigwardanti rapporti bejn min *jaħdem* u *min iħaddem*, *limita*tament għall-ħinijiet u postijiet tax-xogħol — fejn huma għandhom id-dritt kollu li jagħtu lill-impjegati dawk l-istruzzjonijiet kollha li fid-diskrezjoni tagħhom jidhrilhom li huma opportuni — u għalhekk ir-rikorrent mhux qiegħed jiġi mfixkel fid-dgawdija tal-liberta tiegħu ta' espressjoni, billi għadu liberu li jippubblika u jiċċirkola, bl-istess mod kif baqgħu liberi t-tobba u l-impjegati li r-rikorrent għamel riferenza għalihom *fir-rikors. Dawn l-eċċezzjonijiet ġew* ulterjorment svolti mill-intimati f'nota ta' osservazzjonijiet, fejn ġie sottomess li (a) iċ-ċirkolari in kwistjoni m'hiex sindakabli mill-Qorti għaliex hija tikkostitwixxi att amministrativ pur, (b) li ma tmurx kontra l-Artikolu 14 (1) tal-Kostituzzjoni kif igħid ir-rikorrent, u subordinatament (c) jekk tmur kontra dan l-artikolu jew aħjar subartikolu, hija pero hija fil-limiti tar-restrizjoni ammessa fis-surbartikolu (2) tal-istess Artikolu 14;

Ikkunsidrat:

Illi minn dan hu evidenti li, salva l-kwistjoni preġudizjali tas-sindakabilita o meno taċ-ċirkolari in kwistjoni, il-kontendenti jsostnu tesijiet opposti fil-meritu fis-sens li r-

rikorrent igħid li hemm ksur tad-drittijiet rikonoxxuti lilu fil-Kostituzzjoni u l-intimati jinnegaw dana l-ksur. Jiġi pero notat f'dan l-aħħar rigward li mentri li r-rikorrenti jsemmi l-artikolu numru 13 (liberta tal-kuxjenza) u 14 liberta ta' espressjoni), l-intimati semmew biss dana l-aħħar artikolu; in konnessjoni ma dina l-konstatazzjoni ta' fatt il-Qorti tosserva li għalkemm dawn il-libertajiet huma differenti pero jistgħu jiġu lesi b'att uniku kif jiġri jekk wieħed imħabba veduti li għandu dritt ikollu in vista tal-liberta ta' kuxjenza, ma jingħatax id-dritt ta' espressjoni ta' l-istess veduti mħabba l-kontenut tagħhom stess; f'dan il-każ infatti wieħed ikun qed isofri wkoll menomazzjoni tad-dritt ta' kuxjenza fil-lat estern tiegħu, li huwa wkoll protett, imħabba l-veduti li hu liberu jkollu billi l-konċett ta' liberta hu inkonċiljabbili ma' dak ta' menomazzjoni: anzi ż-żewġ konċetti huma antitetiċi u kwindi rrikonċiljabbili ukoll. U f'dina l-materja l-Qorti żżid tgħid li fil-waqt li liberta ta' espressjoni tista' ssofri, biex wieħed issejħilha hekk, gradazzjoni, ta' lesjonijiet billi wieħed ikun jista' jesprimi l-istess veduti f'xi post jew f'xi ħin jew lil ċerti nies biss, u hekk il-gravita tal-lesjoni tkun alleġġerita u ssir kultant tant ħafifa li wieħed ma jagħtix każ, ma jistax jingħad l-istess ħaġa dwar il-liberta ta' kuxjenza billi din il-kwalita hi ħaġa waħda mal-personalita ta' l-individwu b'mod li kull vjolazzjoni fir-rigward tagħha hija gravi per se u trid dejjem tiġi rigwardata bħala tali;

Illi wara dina l-preċisazzjoni ta' fatt u kumment fuq l-istess, hu l-każ li wieħed jgħaddi għall-eżami tal-kontroversja u naturalment l-ewwel li trid tiġi nvestita hija l-preġudizjali dwar is-sindakabilita o meno ta' l-att tal-konvenuti nomine, kostitwit miċ-Ċirkolari risaputa. Kopja ta' dina ġiet preżentata mir-rikorrent, li pero ma turix iċ-ċirkolari preċedenti numru 34 hemmhekk dikjarata bħala "sub-joined", kopja oħra taċ-Ċirkolari bir-riproduzzjoni taċ-ċirkolari pre-

ċedenti ġiet preżentata mill-intimati nomine;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq dina ċ-ċirkolari qamet ukoll il-kwistjoni lil min tinsab diretta: dina l-kwistjoni għandha mportanza duplici billi hija konnessa mal-preġudizjali fis-sens li tista' titqies att amministrativ pur biss jekk diretta lil u tapplika għall-impjegati biss (salv u kwindi apparti, għall-issa, l-kontenut tagħha) u tinsab rijallaċċjata mal-meritu ukoll, fil-każ li ċ-Ċirkolari tiġi ritenuta li hi att sindakabili, fis-sens jekk oġġettivament (fil-kontenut tagħha) din tilledix drittijiet, u, f'każ affermativ jekk dan tagħmlux f'miżura leġittima *o meno*, dejjem skond il-kostituzzjoni.

Illi l-Qorti, eżaminata ċ-ċirkolari u kkunsidrata l-istess fid-dawl ta' l-iskop li kellha ċ-Ċirkolari preċedenti u ċioe li tagħti direttivi dwar dak li kien jista' jew aħjar ma jistax isir mill-impjegati governativi stess, ma tistax taċċetta it-teżi tar-rikorrent fis-sens li anki l-pazjenti u t-tobba (li m'humiex impjegati, għandu wieħed jifhem) ma setgħux idaħħlu l-gazzetti fil-lokiet hemm indikati; ma' dawn kieku kien hemm il-każ li jiżdiedu ukoll il-visitaturi. Il-kliem użat, fl-idea tal-Qorti, ma jħallix dubbju u billi r-regola hi li ċ-Ċirkolari tapplika għall-impjegati ammenokke ma jirriżultax minnha li ma għandux ikun hemm u dan ma jirriżultax, l-istess Ċirkolari għandha titqies li tillimita d-deviet hemm kontenut, dwar dħul ta' gazzetti kkundannati mill-Awtorita Ekklesjastika, lill-impjegati biss, in vista mbagħad tad-dikjarazzjoni ta' l-istess intimati *nomine* f'dana s-sens, l-istess Ċirkolari għandha dejjem tiġi ntiża bħal applikabbli għall-impjegati biss għall-finijiet tal-kawża preżenti.

Illi gwardata fil-forma tagħha u ntiża fis-sens premess,

iċ-Ċirkolari tidher li hija att amministrativ esegwit mill-intimati nomine fl-eserċizju tal-poteri inerenti għall-kariga rispettiva tagħhom dwar it-tmexxija tad-dipartiment u lokiet oħra li jagħmlu miegħu; huwa bħala att tali li l-istess intimati jissottomettu li ċ-Ċirkolari m'hiex sindakabli mill-Qorti. Dina s-sottomissjoni pero ma tistax tiġi akkolta in linea ta' prinċipju, ċioe nuqqas assolut tal-poter tal-Qrati li jissindakaw att simili; għalkemm, f'każi partikolari, trattandosi ta' att li jirrigwarda l-"policy" amministrativa u liema miżura kwindi twassal għall-iskop prefiss mill-istess amministtrazzjoni, il-Qrati ċertament ma jkunux disposti li jiddisturbaw dika l-miżura partikolari, kif pero għandhom dritt jagħmlu, jekk mhux għal raġunijiet ferm gravi: dana naturalment qed jingħad bla preġudizju ta' dawka l-każi fejn wieħed ikun qiegħed in dubbju u kwindi jikkontesta l-fakolta li jsir l-att attakkat fis-sens li min jagħmlu jkun qed jaġixxi "ultra vires". Il-Qorti enunċjat daka l-prinċipju ġenerali ta' sindakabilita mill-poter ġudizjarju dwar atti tal-poter esekutiv in vista tal-prinċipju ġdid fil-Kostituzzjoni li jagħti dan id-dritt anki fil-kamp leġislativ, li tiegħu dak amministrativ mhux ħlief l-esplikazzjoni, billi għandu jiġi ritenut, bħala postulat essenzjali, li dana l-aħħar att hu sorret minn liġi li tawtorizza, sia pure ġenerikament jekk mhux speċifikament, dak l-istess att, għax differentement wieħed ikollu jara f'dak l-att, xi ħaġa li m'hiex awtorizzata li ssir u kwindi wieħed ikun aġixxa "ultra vires", kif ġa ntqal.

Illi pero ċ-Ċirkolari in kwistjoni apparti mill-forma tagħha, trid tiġi wkoll eżaminata fil-kontenut tagħha biex wieħed jara jekk hux il-każ li proprju l-Qorti tħoss dik irributtanza li tbiddel l-att li jkun sar, għax konness intimament mal-"policy" tad-Dipartiment, b'mod li, jekk tbiddlu, avolja tista', tkun qegħda tarroga għaliha funzjoni strettament amministrattiva u kwindi m'għandhiex tiddisturba l-

istess att. Il-Qorti ma tarax fiċ-Ċirkolari in kwistjoni att amministrattiv simili, kif sottomess mill-intimati, u dana mħabba l-materja jew attivita regolata bl-istess Ċirkolari, infatti f'din ma hemm ebda direttiva dwar dak li għandu jsir millimpjegati għal dak li jirrigwarda x-xogħol minnhom mistenni u li l-intimati nomine jridu jikkoordinaw biex l-iskop tad-dipartiment jiġi raġġunt, iżda jirrigwarda dak li l-istess impjegati m'għandhox jagħmlu waqt ix-xogħol u fil-lok taxxogħol għax m'għandux x'jaqsam mal-veru xogħol tagħhom u li anzi, jekk isir, jista' jfixkel dana l-istess veru xogħol; l-intimati għalhekk qegħdin jirregolaw attivita estranea għal dak li jidħol fix-xogħol li huma jridu jikkordinaw, liema attivita pero għandhom dritt jirregolaw ukoll sakemm din tinfluwixxi fuq l-andament finali tad-Dipartiment, f'dana r-regolament pero u speċjalment in vista li, meta qegħdin jagħmlu dan, kif sejjer jissemma, qegħdin jimmoderaw drittijiet tar-rikorrent, li mhux impjegat tagħhom, huma m'għandhomx ikollhom dika l-istess miżura ta' insindakabilita li għandha lilhom tiġi rikonoxxuta f'materja li direttament u intimament tkun attinenti għall-iskopi tad-Dipartiment tagħhom, u hija a bażi tal-"Policy" tal-istess, f'liema każi, kif ingħad, il-Qrati jkunu ferm riluttanti li jissindakaw l-operat amministrattiv għalkemm dan, bħala prinċipju, hu sindakabbli, u anzi jista' jiżdied li, konsiderata n-natura ta' l-attivita regolata biċ-ċirkolari u l-effetti ta' din fil-konfront ta' terzi persuni, dina kienet tkun ukoll sindakabbili, anke kieku ma kienx japplika dana l-prinċipju ġenerali ta' sindakabilita, u taħt dana r-rifless, għalhekk, hija iżjed inaċċettabbili l-preġudizjali opposta mill-intimati nomine;

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-meritu veru tal-kawża, u ċioe jekk iċ-Ċirkolari in kwistjoni tivvjolax xi dritt b'mod li tirrendi neċessar-

ju l-intervent ġudizjarju għar-rimozjoni ta' l-istess vjolazzjoni, hu evidenti li d-dritt vjolat irid ikun tar-rikorrent. F'dan ir-rigward hu utili wieħed jiftakar, dak li ġa ntqal fis-sens li ċ-ċirkolari ġiet ritenuta applikabli għall-impjegati biss, mentri li skond il-Kostituzzjoni d-dritt għar-rimedju kontemplat fl-artikolu 16 jista' jiġi eserċitat mill-persuna li tkun sofriet jew tibża li sejra ssofri lesjoni ta' dritt tagħha. Dana qed jingħad għar-raġuni li diversament wieħed jista' jkun indott li jagħti mportanza wisq lil dak li verament jirrigwarda lill-impjegati milquta biċ-Ċirkolari u li ma jistax jikkommunika ruħu lir-rikorrent għax personali għalihom, raġuni oħra li dan qed jissemma hi li, proprju għal dina l-aħħar raġuni, ma tistax issib applikazzjoni l-limitazzjoni tad-dritt ta' kuxjenza mħabba li din tirriferixxi lill-impjegati tal-Gvern billi r-rikorrent ma jidħolx taħt dina l-kategorija; jekk hu dritt personali tiegħu li qed jiġi vjolat, dina l-vjolazzjoni, jekk neċessarja, trid tinżamm fil-limiti traċċjati fl-ittra (a) u mhux (b) tal-Artikolu 14 (2) tal-Kostituzzjoni, għall-anqas dan għandu ikun il-prinċipju li jirregola dina l-vjolazzjoni allegata mir-rikorrent sa fejn dan jista jsir billi hemm interdipendenza lejn id-dritt tar-rikorrent u d-dritt tal-impjegati konċernati billi ċ-Ċirkolari tolqot proprju dawk l-istess idejiet u tagħrif mogħtija mir-rikorrent fil-gazzetta edita minnu u li l-impjegati ma jistgħux idaħħlu magħhom fil-lok fejn jaħdmu; li pero għandha tinżamm dina d-distinazzjoni jidher ċar meta wieħed jirrifletti li l-istess att jista' jolqot b'mod differenti lil min jagħti l-idea u lil dak li għandu jirċeviha meta l-mezz użat hija gazzetta: jekk persuna waħda biss tiġi prekluża milli taqra l-gazzetta, l-editur ma tanxt isofri materjalment (salva l-kwistjoni tal-prinċipju) iżda għall-qarrejja jfisser ċaħda assoluta ta' dritt anke fil-fatt (salva wkoll il-kwistjoni tal-prinċipju);

Illi dana premess u in vista ta' l-istess, il-vjolazzjoni

tad-dritt *allegata* mir-rikorrent tiġi tikkonsisti fil-fatt li hu bħala Editur ta' gazzetta politika, ma għandux l-istess drittijiet li għandhom edituri oħrajn ta' gazzetti simili għal tiegħu, fis-sens li l-gazzetta tiegħu ma tistax, imħabba ċ-Ċirkolari in kwistjoni, tiġi mdaħħla fil-lokali hemm indikati mill-impjegati governativi li jaħdmu fl-istess lokali. U peress li ma jistax ikun hemm dubbju li gazzetta hija wieħed mill-mezzi kif wieħed jesprimi l-ideat u jagħti tagħrif, u li gazzetta politika hija ntiża biex ikollha l-iżjed ċirkolazzjoni possibbili, jiġi li, bħala effett taċ-Ċirkolari, ir-rikorrent qed ssib indħil *mill-intimati nomine* fid-dritt tiegħu (li għandu jkun ugwali daqs ta' ħaddieħor fl-istess posizzjoni teigħu, ta' politikant) biex jippropaga l-ideat tiegħu, għalhekk hemm menomazzjoni, jew vjolazzjoni tad-dritt tiegħu dwar il-liberta ta' espressjoni kif allegat mir-rikorrent, billi dan irid jitqies mhux biss, kif sottomess mill-intimati nomine, mill-lat ta' min jippubblika u jiċċirkola gazzetta iżda anke mil-lat ta' dak li għalih hija ntiża, u restrizjoni lil dan ta' l-aħħar tolqot ukoll lill-Editur u tiġi tirrestrinġi d-dritt tiegħu ukoll. Dana naturalment qed jingħad bħala prinċipju u kwindi, *bħala prinċipju*, il-vjolazzjoni lamentata mir-rikorrent dwar il-liberta ta' espressjoni teżisti; dana d-dritt, il-Qorti tħoss li, fiċ-ċirkostanzi risultati (u *ċioe* li b'gazzetta in kwistjoni hi pubblikata biss darba fil-ġimgħa, lejliet il-vakanza tal-Ħadd, fit-tard, in-numru ta' mpiegati nvoluti, il-postijiet ċirkoskritti fejn ma tistax tidħol u simili) l-istess menomazzjoni, a paragun tan-nies li l-gazzetta tista' tilħaq, jekk dawn iridu verament jixtruha u jaqrawha, hija talment żgħira li wieħed jista' jikkunsidraha negliġibbili u kwindi tali li ma taffettax materjalment (apparti l-prinċipju) l-istess liberta *ta' espressjoni*;

Illi pero fir-riċerka tar-raġuni li wasslet għal dina l-istess menomazzjoni, li dejjem kienet neċessarja in vista tal-

allegazzjoni tar-rikorrent li dan kien qed jiġri mħabba raġuni reliġjuża biss, wieħed kien jistenna li dina ma kinietx verament ir-raġuni u li għall-kuntrarju din tirrisulta dovuta għal xi raġun li tiġġustifikaha fis-sens ta' l-Artikolu 14 (2) (a) tal-Kostituzzjoni; dan kien iżjed mistenni għaliex ma jirrisultax li, għall-istess raġuni ndikata mir-rikorrent, ittieħed xi pass kontra tiegħu taħt liġijiet speċjali li jipproteġju r-Reliġjon Kattolika (e.g. dik kriminali u partikolarment dik ta' l-istampa stess) u ebda ċirkolari simili ma saret f'dipartimenti oħrajn (neħħi f'tal-Edukazzjoni — li pero hu fuq bażi differenti minn dak tas-Saħħa), u hekk ir-raġuni kienet mistennija tirriżulta suġġerita minn raġunijiet speċjali rigwardanti d-Dipartiment partikolari li għalih biss saret, u dana avvolja ċ-Ċirkolari kienet tindika r-raġuni fis-sens indikat mir-rikorrent u ċioe l-kundanna tal-gazzetti mill-Awtorita Ekklesjastika.Dina l-indikazzjoni pero rrisultat konfermata mill-Onorevoli Dottor Borg Olivier fix-xhieda tiegħu, billi x-xhieda tiegħu sostanzjalment tekwivali għal daqs tant: infatti l-aċċenn li għamel ukoll għad-dixxiplina hu, hu stess, bażat fuq is-sentiment reliġjuż ta' dawk l-impjegati li ma jaqblux, f'dana l-kamp, mar-rikorrent — u hekk il-projbizzjoni kontra l-gazzetta edita mir-rikorrent hija verament bażata fuq raġunijiet reliġjużi biss: u dina r-riflessjoni għandha tiġi riportata għall-konsiderazzjoni li saret preċedentement fis-sens li ċ-Ċirkolari in kwistjoni kienet qegħda tirregola xi ħaġa estranea għal, u differenti mill-attivita ta' l-impjegati fix-xogħol tagħhom verament minnhom rikjest għall-aħjar tmexxija u raġġunġiment ta' skop li għandu di mira d-dipartiment fejn jaħdmu. U fil-waqt li dik il-konsiderazzjoni tassumi, f'dana l-kontest, iżjed karattru u forza, mill-banda l-oħra, f'dana l-fatt issib il-konkretizzazzjoni tagħha l-konsiderazzjoni l-oħra, li ukoll saret, fis-sens li ċ-Ċirkolari ġiet tolqot ukoll id-dritt tal-liberta tal-kuxjenza tar-rikorrent billi dina l-liberta, għal raġunijiet reliġjuża,

ġiet b'xi mod ristretta u hekk ma baqgħetx iżjed libera; jekk dina *r-restrizzjoni kienet* verament neċessarja għall-aħjar tmexxija tad-dipartiment, u wieħed jista' jiġġustifika att simili b'dak li hemm dispost fl-artikolu 14 (2) (a) tal-*Kostituzzjoni, dana pero kien* jesiġi li tiġi ristretta l-liberta ta' kulħadd biex hekk ma jkunx hemm diskriminazzjoni la darba l-Kostituzzjoni ma tiddiskriminax fir-rigward. Dan kien *ukoll jqiegħed f'parita ta' kondizzjoni* l-impjegati ta' l-istess Dipartiment, għal raġunijiet partikolari tad-Dipartiment — għalkemm, kif intqal, ir-raġunijiet ta' l-impjegati mhux il-*każ li jissemmew wisq* billi mhux neċessarjament komunikabili lir-rikorrent; f'dana l-kontest pero dina r-riferenza għall-posizzjoni kreata bejn l-impjegati, bħala konsegwenza *diretta taċ-ċirkolari*, turi li l-poteri mogħtija lill-intimati nomine għall-aħjar direzzjoni tad-Dipartiment ma ġewx użati sew billi rrestrinġew indebitament u mhux uniformement, *u kwindi* mhux ġustament, attivita li ma tidħolx fl-ambitu veru ta' l-istess poteri u kwindi sar użu mill-istess poter differenti minn dak kif kienu intiżi li jiġu użati meta ġew mogħtija; u l-eserċizju li sar minnhom għalhekk (i.e. għall-protezzjoni tal-kuxjenza ta' parti biss mill-impjegati) huwa "ultra vires" u illegali; u billi dana l-eserċizju ġieb vjolazzjoni tad-dritt ugwali tal-kuxjenza fir-rikorrent u fl-impjegati l-oħrajn dina l-vjolazzjoni hija wkoll illegali u ma tistax titħalla bħala tali;

Illi f'dana r-rigward il-Qorti ġiet invitata biex tikkunsidra li l-użu li sar minn dawna l-poteri hu ġustifikat mill-"way of life" lokali in vista tar-rispett sa llum dovut lill-Awtorita Ekklesjastika, b'mod li r-restrizzjoni lamentata hija konfaċenti mal-ħajja demokratika lokali; f'dana r-rigward il-ġudikant preżenti ġie nvitat biex jikkontribwixxi l-veduti tiegħu dwar il-konċett ta' demokrazija. Ċertament dina s-sottomissjoni għandha valur speċjalment meta wie-

ħed jiftakar il-liġijiet li għandhom bħala raġuni tagħhom dana r-rispett u jiftakar ukoll l-Att I tal-1922 li rrikonoxxa r-Reliġjon Kattolika bħala r-Reliġjon Nazzjonali ta' dawna l-Gżejjer; mill-banda l-oħra pero ma jkunx realista min ma jirrikonoxxix il-fatt dikjarat mir-rikorrent u risultat waqt il-kawża fis-sens li nonostante ż-żmien (issa kważi sentejn) li għadda minn meta l-gazzetta minnu edita ġiet ikkundannata mill-imssemmija Awtorita, dina għadha tiġi stampata u ċirkolata; bħala proposizzjoni ta' dritt (u dan hu ukoll il-qofol tal-kwistjoni) il-Qorti ma tistax ma tirrikonoxxix dana d-dritt fir-rikorrent, li evidentement jirrigwarda iżjed dak ta' koxjenza milli ta' espressjoni u dan juri iżjed kemm hi bażata l-konklużjoni fis-sens li ċ-Ċirkolari in kwistjoni tivvjola dana d-dritt ta' koxjenza tar-rikorrent; u quddiem dana l-fatt risultat tal-kontinwata pubblikazzjoni tal-gazzetta kkundannata minkejaj l-istess kundanna, ma jistax jitqies demokratiku dak l-att li ma jirrikonoxxix id-dritt li dan isir fuq raġuni li dan qabel ma kienx isir, billi biex jirraġuna hekk wieħed ma jkunx qed jagħti l-piż debitu lit-tibdil li sar fiċ-ċirkostanzi. Ta' dina l-fehma tagħha, il-Qorti kif presjeduta tara konferma fin-nuqqas ta' xi pass li jixbaħ, iċ-ċirkolari in kwistjoni da parti tad-Dipartimenti l-oħra, komparabli ma' dak taħt diskussjoni tal-intimati nomine (u ċioe fejn id-direttiva hija diretta lejn nies suppost formati u ta' l-opinjoni formata tagħhom a differenza minn dawk li għad qegħdin jiġu formati bħalma huma t-tfal ta' l-iskola) kif ukoll fin-nuqqas ta' xi azzjoni taħt liġi oħra kontra r-rikorrent: infatti anke dan l-atteġġjament passiv da parti ta' min kien kieku jkun fid-dover li jiċċaqlaq jirrifletti l-idea li hu għandu tad-demokrazija fiċ-ċirkostanzi attwali u anke dina l-kontribuzzjoni għall-konċett ta' dina l-idea tant invokata għandha l-piż tagħha. Dan l-atteġġjament ma jfissirx li wieħed qed jiddiskonoxxi l-portata ta' l-att I tal-1922 li hu konċiljabli mal-Kostituzzjoni, li tipproklama l-liberta tal-koxjenza, lie-

ma liberta tispikka iżjed fejn ikun hemm reliġjon nazzjonali; lanqas ma jfisser li d-dipartimenti l-oħrajn ma humiex immexxija fl-ispirtu ta' *l-istess Att għax m'għamlux Ċirkolari* bħal dik in kwistjoni, kif wieħed għandu jifhem li kien ukoll immexxi u ċioe skond dan l-ispirtu, id-dipartiment in kwistjoni qabel u ċioe mingħajr iċ-ċirkolari, u anzi l-limitazzjoni dikjarata mill-intimati dwar l-applikazzjoni ta' l-istess Ċirkolari għall-impjegati biss tikkonferma ukoll il-veduta fuq espressa dwar dak li l-konċett ta' demokrazija jesiġi fl-applikazzjoni tiegħu, partikolarment imħarsa dina l-limitazzjoni dikjarata *taħt ir-rifless tad-dikjarazzjoni* l-oħra li r-restrizzjoni tad-dħul tal-gazzetti kkundannati saret biex ma jkunux irritati l-impjegati li ma jaqblux ma' l-istess gazzetti kkundannati: infatti l-mezz użat, la darba mhux ġenerali, ma jistax ikollu effett ġenerali u komplet, kif kieku kien mixtieq u mistenni li jsir, u hu loġiku għalhekk wieħed jikkonkludi li r-raġuni tal-limitazzjoni tar-restrizzjoni kienet dik li għadha kif issemmiet, u huwa proprju mħabba din ir-raġuni u għaliha li ċ-Ċirkolari ma tistax tiġi sostnuta, u ċioe billi ma tirrispettax id-drittijet ta' ħaddieħor ugwali għal ta' dawk li r-rispett tagħhom issuġġeriha.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-intimati u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li din il-Qorti tiddikjara l-ġudizzju rritu u null billi ma ġiex propost bil-forma li trid il-liġi u subordinatament tirrevoka s-sentenza appellata billi jiġi dikjarat u deċiż għat-tenur ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom u konsegwentement *li dik il-parti taċ-ċirkolari li tipprojbixxi d-dħul tal-gaz*zetti kkundannati mill-Awtorita Ekklesjastika fil-postijiet hemm indikati mhix illegali billi ma ġewx trasgressi d-drittijiet ta' koxjenza u espressjoni ta' l-appellat u kwindi li m'hemmx lok għall-provvediment mogħti mill-Qorti biex l-appellanti jġibu l-fatt tal-illegalita għak-konjizzjoni tan-nies lil min kienet diretta permezz ta' ċirkolari ġdida li kopja

tagħha kellha tiġi presentata wara l-atti ta' dik il-proċedura fi żmien jumejn mid-data tas-sentenza appellata u li konsegwentement tiġi riġettata t-talba kontenuta fir-rikors ta' l-appellat, bl-ispejeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma kemm dwar l-eċċezzjoni ta' l-irritwalita kemm dwar il-meritu;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni ta' irritwalita u fuqha kkunsidrat:—

Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Onorabbli Qorti illi l-eċċezzjoni in kwistjoni ma kinitx iżjed sollevabbli fl-istadju li fih ġiet għall-ewwel darba sollevata, fil-kontinġenzi partikolari ta' dan il-każ. L-appellanti ma qajmux dik l-eċċezzjoni sakemm il-kawża ġiet deċiża fil-meritu mill-ewwel Onorabbli Qorti bis-sentenza tagħha tas-17 ta' Lulju, 1962 u dana mhux b'xi svista, iżda kif jingħad fl-istess premessi ta' dik is-sentenza, b'konsapevolezza piena tad-dubbju li sata' kien hemm u b'rieda illi t-trattazzjoni tipproċedi għall-eżami tal-meritu fuq l-atti kif kienu. L-appellanti lanqas ma qajmu edba eċċezzjoni simili quddiem din il-Qorti fl-appell li sar minn dik is-sentenza u li ġie trattat u diskuss u saħansitra deċiż fuq l-assunt komuni illi l-appellanti xejn ma kellhom u ma riedu jgħidu fuq il-mod ta' proċedura: Tanti illi s-sentenza ta' dina l-Qorti tat-22 ta' Frar, 1963 meta annullat dik is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti għamlitu għal raġunijiet oħra li ma għandhom xejn x'jaqsmu ma l-eċċezzjoni issa in kwistjoni, u dan appuntu fuq il-presuppost hawn fuq imsemmi u wara li l-istess avukat ta' l-appellanti kien anzi ddikjara quddiem din il-Qorti illi ma kienx bi ħsiebu u ma kienx irid iqanqal ebda kwistjoni oħra preliminari ta' proċedura. Dik is-sentenza ta' din il-Qorti tifforma ġudikat u

ebda dubbju jew kwistjoni fuq il-validita formali tagħha ma jistgħu issa jitqanqlu fuq eċċezzjoni bħal dik issa sollevata. Kif ġie rilevat fis-sentenza Vol. XXIX, II 36, meta sentenza tgħaddi f'ġudikat, ma humiex aktar ammissibbili eċċezzjonijiet li jiddistruġġuha. Ir-regola "tantum judicatum quantum discussum" ma tfissirx li jistgħu jiġu ammessi eċċezzjonijiet ġodda li mal-ġudikat huma inkonċiljabbli.

F'dawn il-kontinġenzi partikolari huwa ċar illi dik l-eċċezzjoni ma setgħetx u ma tistax aktar tingħata.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi fis-sens premess tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat illi l-eċċezzjoni ta' irritwalita sollevata mill-appellanti ma kienitx aktar sollevabbli f'dak l-istadju u fuq dan il-kap tiċħad l-appell ta' l-appellanti bl-ispejjeż kontra tagħhom u tordna li l-appell jitkompla fil-meritu.